



Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 118/20
Il-Lussemburgo, 28 ta' Settembru 2020

Stampa u Informazzjoni

Udjenza solenni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Twaqqif tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew

Il-Kap tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew u l-ewwel Prosekuturi Pubbliċi Ewropej jieħdu impenn solenni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

Permezz ta' qbil komuni tas-16 ta' Ottubru 2019, il-Parlament Ewropew u I-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ħatru lil Laura Codruṭa Kövesi bħala l-ewwel Kap tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew. Barra minn hekk, permezz ta' deċiżjoni tas-27 ta' Lulju 2020, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ħatar l-ewwel Prosekuturi Pubbliċi Ewropej fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew.

Sabiex jitfakkar b'mod solenni t-twaqqif uffiċjali tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, illum fil-11.00 inżammet udjenza fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Matul din l-udjenza ta' twaqqif, il-Kap u l-Prosekuturi Pubbliċi Ewropej fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ħadu l-impenn solenni li josservaw l-obbligi li joħorġu mill-pożizzjoni tagħhom. F'din l-okkażjoni saru diskorsi minn Koen Lenaerts, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, u minn Laura Codruṭa Kövesi.

L-impenn solenni ttieħed minn Laura Codruṭa Kövesi (RO), Frédéric Baab (FR), Cătălin-Laurentiu Borcoman (RO), Jaka Brezigar (SI), Danilo Ceccarelli (IT), Gatis Doniks (LV), Yvonne Farrugia (MT), Teodora Georgieva (BG), Daniëlle Goudriaan (NL), José Eduardo Guerra (PT), Petr Klement (CZ), Tomas Krušna (LT), Tamara Laptoš (HR), Katerina Loizou (CY), Ingrid Maschl-Clausen (AT), Juraj Novocký (SK), Andrés Ritter (DE), María Concepción Sabadell Carnicero (ES), Gabriel Seixas (LU), Kristel Siitam-Nyiri (EE), Harri Tiesmaa (FI), Yves Van Den Berge (BE) u Dimitrios Zimianitis (GR), skont it-termini segwenti:

“Maħtura bħala Prosekutur Ewropew mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, jiena nieħu l-impenn solenni: li neżerċita l-funzjonijiet tiegħi b'indipendenza sħiħa fl-interess tal-Unjoni fl-intier tagħha; li la nitlob u lanqas naċċetta istruzzjonijiet minn xi persuna jew entità esterna għall-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew. Barra minn hekk, jiena ninrabat li nosserva l-obbligu ta' kunkfidenzjalità firrigward ta' kull informazzjoni fil-pussess tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew.”

L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew huwa korp indipendent tal-Unjoni responsabbli għall-investigazzjoni, għall-prosekuzzjoni u għat-tressiq quddiem il-ġustizzja tal-awturi ta' reati li jippreġudikaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni (pereżempju, frodi, korruzzjoni, frodi transkonfinali tal-VAT f'ammonti ikbar minn EUR 10 miljuni). Għal dan il-ġhan, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew iwettaq investigazzjonijiet, jieħu atti ta' prosekuzzjoni u jeżerċita azzjoni pubblika quddiem il-qrat kompetenti tal-Istati Membri. Is-sede tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew tinsab fil-Lussemburgo.

Attwalment, 22 Stat Membru jipparteċipaw f'din il-kooperazzjoni msaħħha (il-Ġermanja, l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, Spanja, l-Estonja, il-Finlandja, Franzja, Greċja, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgo, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Portugal, ir-Repubblika Ċeka, ir-Rumanija, is-Slovenja u s-Slovakkja).

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit  (+352) 4303 3355